MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 45/2009

George **SCERRI** u martu Edith Scerri

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-31 ta' Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imġiba tal-intimati meta ordnawlhom li jidħlu fid-dar tagħhom biex jagħmlu *survey* fl-20 ta' Lulju, 2009,

tikser l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni") u wkoll l-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni"); (ii) issib li kwalunkwe *survey* u kull tagħrif miġbur f'dik l-okkażjoni ma tintuża għall-ebda raġuni mill-intimati u żżommhom milli jinqdew b'mod ieħor minn kull tagħrif, fatti u materjal miġbur waqt l-imsemmi *survey*; (iii) issib li l-imġiba tal-intimati kemm fl-20 ta' Lulju, 2009, u kif ukoll fil-proċeduri konsegwenzjali għall-istess, fl-ittra tal-Awtorita' intimata taħt il-firma tal-avukat tagħha u l-proċess kollu li ta lok għal dawk il-proċeduri huma abbużivi, kontra l-liġi u bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti; (iv) issib li ma hemm l-ebda interess pubbliku biex jinżamm is-*survey* li l-Awtorita' intimata ordnat li jsir; u (v) tagħti l-ordinijietu toħroġ l-atti u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa, fosthom it-tħassir tal-proċess kollu li bih tnediet l-ordni biex isir *survey* u kulma sar wara dak inhar u l-għoti ta' kumpens xieraq biex jagħmel tajjeb għad-danni materjali u morali li ġarrbu r-rikorrenti. Ir-rikorrenti talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Awissu, 2009, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għas-smigħ għall-15 ta' Ottubru, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fl-1 ta' Settembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalet li l-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża ladarba r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju taħt il-liġi, liema rimedju – appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar – l-istess rikorrenti nqdew bih u għadu ma ntemmx, u l-istess rimedju wkoll huwa suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma jiħdux dak li jridu fl-imsemmi appell. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-liġi tagħtiha kull jedd fl-artikoli 16A u 50 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta li tidħol f'kull proprjeta' privata biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, u għalhekk ir0-rikorrenti messhom attakkaw is-siwi tal-

imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi u mhux lilha talli mxiet magħhom. Tenniet li hija mxiet ma' dak li tridha l-liġi u fl-interess pubbliku u l-għamil tagħha jrid jitqies fid-dawl tal-*Planning Control Application* li għadha trid issir biex tiġi stabilita t-triq in kwestjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fl-14 ta' Settembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari qal (i) li ma kinitx għadha saret in-notifika lill-Avukat Ġenerali, li (ii) hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża u li (iii) r-rikorrenti ma kinux inqdew bir-rimedji ordinarji qabel ma ressqu din l-azzjoni. Fil-mertu, laqa' billi qal li, fir-rigward tiegħu, t-talbiet tar-rikorrenti ma kinux mistħoqqa għaliex il-Pulizija aġixxiet għaliex intalbet mill-Awtorita' intimata ħalli tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha skond il-liġi u dan biss biex tiżgura li ma jkunx hemm ksur tal-bon ordni minħabba l-imġiba ostili tar-rikorrenti. Hu seħaq li l-uffiċjali tal-Pulizija mxew skond il-liġi u ma għamlu xejn li jikser xi jedd fundamentali tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2009, li bih u fuq talba tal-Awtorita' intimata b'rikors tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2009, ordnat li jsiru l-bidliet mitluba fit-tweġiba mressqa mill-istess Awtorita';

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2009, li bihom (i) ordnat li ssir it-trattazzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata dwar jekk din il-Qorti jmisshiex twettaq is-setgħat tagħha u tisma' l-każ ladarba r-rikorrenti ma nqdewx b'rimedji oħrajn li tagħtihom il-liġi, u (ii) ordnat lill-Awtorita' intimata li, sakemm tkun għadha miexja l-kawża, ma tieħu jew twettaq l-ebda passi ulterjuri dwar il-*Planning Control Application* lil hinn minn dak li kienet wettqet sa dak inhar;

Semgħet il-provi tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-intimati, magħduda dawk imressqa mir-rikorrent bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' April, 2010 li bih ħatret lill-Avukat Ingrid Bianco biex, bi qbil mal-avukati tal-partijiet, tisma' x-xhieda tar-rikorrent fil-kontro-eżami sa qabel is-smigħ li kien imiss;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2010[1], li bih ċaħdet talba magħmula minn għadd ta' persuni b'rikors tagħhom tal-31 ta' Mejju, 2010, biex jitħallew jidħlu fil-kawża *in statu et terminis*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar jekk il-Qorti għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża billi r-rikorrenti kellhom rimedji proċedurali oħrajn għad-dispożizzjoni tagħhom;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur ta' jedd fundamentali tagħhom dwar smigħ xieraq u wkoll tat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom meta persuni mibgħutin mill-Awtorita' intimata daħlu fi ħwejjeġ l-istess rikorrenti, bl-għajnuna ta' uffiċjali tal-korp tal-Pulizija, biex jagħmlu *survey* fl-ambitu ta' *Planning Control Application* li kienet tolqot żvilupp fil-madwar tal-ġid tar-rikorrenti. Huma jgħidu li dak li ġara fid-dar tagħhom dak inhar, minkjejja li huma kienu ressqu appell quddiem il-Bord tal-Appelli tal-istess Awtorita' intimata, wera li din imxiet b'arroganza u b'mod abbużiv li wassal għall-ksur tal-imsemmija jeddijiet tagħhom. Iridu li kulma sar waqt dak is-*survey* jitħassar u li l-Awtorita' intimata ma tużahx bl-ebda mod;

[1] Paġ. 64 tal-proċess

Illi l-Awtorita’ intimata laqgħet għall-imsemmija azzjoni billi, b’mod preliminari, qalet li l-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża ladarba r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju taħt il-liġi, liema rimedju – appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar – l-istess rikorrenti nqdew bih u għadu ma ntemmx, u l-istess rimedju wkoll huwa suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma jiħdux dak li jridu fl-imsemmi appell. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-liġi tagħtiha kull jedd fl-artikoli 16A u 50 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta’ Malta[2] li tidħol f’kull proprjeta’ privata biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, u għalhekk ir0-rikorrenti messhom attakkaw is-siwi tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi u mhux lilha talli mxiet magħhom. Tenniet li hija mxiet ma’ dak li tridha l-liġi u fl-interess pubbliku u l-għamil tagħha jrid jitqies fid-dawl tal-*Planning Control Application* li għadha trid issir biex tiġi stabilita t-triq in kwestjoni;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat l-ieħor il-Kummissarju tal-Pulizija wkoll laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari qal (i) li ma kinitx għadha saret in-notifika lill-Avukat Ġenerali, li (ii) hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti u talab li jinħeles milli jibqa’ fil-kawża u li (iii) r-rikorrenti ma kinux inqdew bir-rimedji ordinarji qabel ma ressqu din l-azzjoni. Fil-mertu, laqa’ billi qal li, fir-rigward tiegħu, t-talbiet tar-rikorrenti ma kinux mistħoqqa għaliex il-Pulizija aġixxiet għaliex intalbet mill-Awtorita’ intimata ħalli tkun tista’ twettaq id-dmirijiet tagħha skond il-liġi u dan biss biex tiżgura li ma jkunx hemm ksur tal-bon ordni minħabba l-imġiba ostili tar-rikorrenti. Hu seħaq li l-uffiċjali tal-Pulizija mxew skond il-liġi u ma għamlu xejn li jikser xi jedd fundamentali tar-rikorrenti;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita’ intimata u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

---

[2] Ta’ min jgħid li, b’seħħ mit-30 ta’ Novembru, 2010, l-imsemmija dispożizzjonijiet tħassru u, minflokhom, daħal fis-seħħ l-artikolu 83 tal-Att X tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (ara A.L. 512/2010)

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti relattivi għall-imsemmija eċċezzjoni juru li r-rikorrenti huma s-sidien tad-dar bl-isem ta' "*Villa tat-Tokk*", li tinsab fi Triq l-Imtarfa, Mtarfa. B'ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009[3], taħt il-firma tal-avukat tal-Awtorita' intimata, u mibgħuta f'isem id-direttorat tal-ippjanar, ir-rikorrenti ngħata avviż taħt l-artikolu 50 tal-Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dik l-ittra-avviż, ingħataw dati li minnhom ir-rikorrent intalab jagħżel data jew dati tajbin għalih u jibgħat jgħarraf lill-perit tal-Awtorita' qabel it-8 ta' Lulju. Kien hemm twissija wkoll li, jekk kemm-il darba r-rikorrent jonqos li jindika data, l-Awtorita' xorta waħda kien fi ħsiebha tagħmel l-aċċess f'kull żmien raġonevoli bis-sewwa jew bid-dnewwa;

Illi, permezz ta' ittra minn idejn l-avukat imqabbad mir-rikorrent fit-2 ta' Lulju, 2009[4], ir-rikorrent wera li ma jaqbilx mal-avviż u talab li jressaq appell minn dik id-deċiżjoni. Ir-rikorrent ressaq l-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-7 ta' Lulju[5]. Fl-20 ta' Lulju, 2009, għall-ħabta tas-sitta w nofs ta' filgħodu[6], żewġ uffiċjali tal-Awtorita' marru ħdejn id-dar tar-rikorrenti akkumpanjati minn Spettur tal-Pulizija u żewġ uffiċjali oħrajn tal-Korp. Għall-bidu, r-rikorrenti ma ridux jiftħu l-kanċell biex iħallu lill-uffiċjali tal-Awtorita' jidħlu fi ħwejjiġhom u kien hemm xi aġitazzjoni miż-żewġ partijiet. Wara li saru kuntatti mal-avukati rispettivi, il-Pulizija ikkonvinċiet lir-rikorrenti li jagħtu aċċess u s-*survey* sar u ħa l-ħin tiegħu, tant li ntemm kmieni wara nofsinhar. Fil-frattemp, inqalgħu xi inċidenti minħabba kliem iebes li ngħad u minn twissijiet li dik l-imġiba setgħet twassal f'arrest u t-teħid ta' passi kriminali. Għal xi waqtiet ukoll, ir-rikorrenti bagħtu għal xi membri tal-istampa u żammew intervista fuq il-post hu u għaddej is-*survey*[7]. Għalkemm ma tmexxew l-ebda proċeduri kontra r-rikorrenti min-naħa tal-Pulizija, l-uffiċjal ewlieni preżenti għamel rapport ta' dak li seħħ dak inhar fuq il-post[8];

---

[3] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[5] Paġ. 9 tal-proċess
[6] Xhieda tal-Ispettur Mario Tonna 20.4.2010, f'paġ. 49 tal-proċess
[7] Affidavit tar-rikorrent, f'paġġ. 29 – 32 tal-proċess
[8] Dok "MTA", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess

Illi fil-31 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża. Is-smigħ tal-appell imressaq minnhom kien għadu pendenti fiż-żmien li kienet qiegħda tinstema' din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li r-rimedji li l-intimati jsemmu li r-rikorrenti messhom u qegħdin jinqdew bihom jikkonsistu f'rimedji li l-liġi dwar l-iżvilupp innifisha tagħti lil kull min jidhirlu li xi azzjoni jew deċiżjoni ma jaqbilx magħha. Isemmu wkoll azzjoni oħra ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt il-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tar-rikorrenti jgħid li mill-mod kif seħħew l-affarijiet, mhux biss intwera li l-istess Awtorita' intimata qiegħda tiġġieled bla heda biex twaqqa' bħala bla siwi l-appell li ressqu l-patroċinati tiegħu, iżda wkoll li l-istess Awtorita' baqgħet miexja xorta waħda bilħsieb li kellha, bħallikieku l-appell tar-rikorrenti ma kien tressaq xejn. Minbarra dan, ir-rimedju speċifiku mitlub mir-rikorrenti ma jista' jagħtih effettivament l-ebda Bord tal-Appelli;

Illi r-rikorrenti jidher li jsejjsu l-ilment tagħhom fuq dak li seħħ f'darhom fl-20 ta' Lulju, 2009. Qabel dak inhar, huma kienu diġa' ressqu appell mill-avviż li kienu rċevew fl-ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009. Iżda huwa b'dak li ġara meta sar is-*survey* li r-rikorrenti jħossu li seħħ il-ksur tal-jedijiet fundamentali li huma jsemmu fir-Rikors tagħhom. Din il-Qorti ma tistax twarrab dak li jkun issemma fir-Rikors promotur meta tiġi biex tqis jekk hemmx tabilħaqq raġuni tajba biex tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża;

Illi meta, bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjonali", l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u

tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[9], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[10];

Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[11]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[12]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[13]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[14];

---

[9] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[10] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06) u Kost. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Helen Milligan et*** (Rik. Kost. 44/08) fost l-oħrajn

[11] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[12] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[13] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)

[14] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

Illi l-Qorti tifhem u tapprezza wkoll li l-fatt li xi għamil jew nuqqas ta' għamil iġib miegħu ukoll ksur ta' jedd fundamentali, ma jkunx ifisser li r-rimedju li għandu jingħata jkun tabilfors wieħed taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni[15]. Dan ukoll għandu jkun element li jqiegħed dmir fuq din il-Qorti biex tqis sewwa (u fl-istadju bikri li tkun neċessarjament għadha tinsab fih il-kawża meta tiġi biex tqis jekk kemm-il darba għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' l-każ) jekk kemm-il darba jeżistix tassew rimedju mod ieħor lir-rikorrent jekk mhux b'azzjoni bħal din;

Illi wara li l-Qorti qieset il-fatti li jirrigwardaw dan il-każ, rat il-provi mressqa s'issa, u qieset is-sottomissjonijiet magħmulin mid-difensuri tal-partijiet kollha, hija tasal għall-fehma li m'għandhiex tilqa' l-istedina tal-intimati;

Illi dan qiegħed jingħad għal bosta raġunijiet. Fl-ewwel lok, l-għaref difensur tal-Kummissarju intimat issottometta li r-rikorrenti messhom inqdew bl-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12, jekk kemm-il darba riedu tassew jattakkaw id-deċiżjoni tal-Awtorita' li taċċedi fuq il-ġid tagħhom. Din is-sottomissjoni m'hijiex waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha għaliex, bis-sottomissjonijiet magħmulin mill-għaref difensur tal-Awtorita' intimata, dak ir-rimedju suġġerit ma jibqax aktar disponibbli lir-rikorrenti ladarba jeżisti rimedju ieħor taħt xi liġi oħra[16]. Fit-tieni lok, ir-rimedju msemmi mill-Awtorita' intmata ma jidhirx li jolqot il-qofol tal-ġrajja u tar-rimedju mitlubin mir-rikorrenti f'din il-kawża. Dan jingħad għaliex, minkejja li r-rikorrenti kienu diġa' jiem qabel ma seħħ il-każ ressqu appell sewwasew taħt l-istess Kap 356, l-Awtorita' intimata, b'dak l-appell pendenti b'kollox, xorta waħda dehrilha li kellha żżomm l-aċċess fuq l-art tar-rikorrenti. Kif sewwa issottometta l-għaref difensur tar-rikorrenti, l-ebda Bord tal-Appelli ma jista' issa jagħti lir-rikorrenti rimedju fuq dak li sar u fuq il-ksur tal-jeddijiet li huma jgħidu li ġarrbu b'dak li sar fi ħwejjiġhom. Fit-tielet lok, l-ilment tar-rikorrenti jolqot ukoll l-imġiba ta' persuni

[15] Ara, b'eżempju, P.A. (Kost) JZM **30.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Attard vs Policy Manager tal-Malta Shipyards***
[16] Art. 469A(4) tal-Kap 12

oħra – uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija – li l-appell imsemmi bl-ebda mod ma jista' jindirizza, mhux biss għaliex l-appell sar qabel ma kienu seħħew il-ġrajja msemmija, iżda għaliex dik l-imġiba taqa' 'l barra mis-setgħat tal-istħarriġ tal-Bord tal-Appelli;

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' intimata u kif ukoll **it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-Kummissarju intimat u tiddikjara li hija sejra twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali u tkompli tisma' l-ilment tar-rikorrenti kif imressaq fir-Rikors promotur tagħhom;

**Bl-ispejjeż** kontra l-intimati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------